# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu 2002**

**Avviz. numru 989/01**

**Numru 46**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Price Club Operators Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta sabiex :

1) fi zmien qasir u perentorju is-socjeta konvenuta tikkonsenja l-karozza Fiat Punto Van Numru PCO 001 lis-socjeta' attrici u;
2) tiffirma kull dokument necessarju biex isir it-transfer relattiv tal-istess karrozza fuq isem is-socjeta' attrici u;
3) jekk jghaddi inutilment iz-zmien moghti jigu nominati kuraturi biex jiffirmaw d-dokumenti necessarji biex isir l-istess transfer u;

4) s-socjeta' attrici tigi awtorizzata li tiehu l-pussess tal-istess karozza hi minghand is-socjeta' konvenuta, prevja d-dikjarazzjoni jekk hemm bzonn, li s-socjeta' attrici kellha d-dritt li tittermina l-"Hire Purchase Agreement" dwar l-istess Van (Dok A) a tenur tal-Artikolu 6.1 tal-istess kuntratt billi s-socjeta konvenuta baqghet morusa f'aktar minn zewg pagamenti akkont tal-prezz tal-istess karozza ghal aktar minn 15 il-gurnata mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-4 t'Ottubru 2001 (Dok B) skond l-ittra ufficjali taghha tad-29 ta' Ottubru 2001 (Dok C).

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-5 ta' Ottubru 2001 u tad-29 ta' Ottubru 2001 u dawk tal-Mandat ta' Qbid presentat mal-avviz kontra s-socjeta konvenuta li r-rappresentanti guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

B'riserva ta' kull dritt u azzjoni in konnessjoni mal-kambjalijiet skaduti qabel it-terminazzjoni u mhux imhallsa.

Ghal fini ta' kompetenza l-prezz tal-Van in kwistjoni kien ta' Lm4671(Dok A).

Wara li rat id-dokumenti annessi minn fol 2 sa fol 9 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess talbiet u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fis-6 ta' Marzu 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex:

a) tikkonsenja lis-socjeta attrici l-karozza Fiat Punto Van Numru PCO 001 u dan sal-20 ta’ April 2002;

b) tiffirma kull dokument necessarju biex jsir il-“transfer” relattiv tal-istess kaorzza fuq isem is-socjeta’ attrici sal-20 ta’ April 2002;

c) tinnomina lill-Avukat Dottor Richard Sladden bhala kuratur ghall-kontumaci biex jiffirma id-dokumenti necessarji biex jsir l-istess “transfer”;

d) tawtorizza lis-socjeta attrici li tiehu l-pussess tal-istess karozza minghand is-socjeta konvenuta wara li jigi dikjarat l l-istess socjeta' attrici kellha d-dritt li tittermina l-"hire purchase agreement" hawn anness bhala "Dok A" a tenur tal-artikolu 6.1 tal-istess kuntratt stante li s-socjeta konvenuta baqghet morusa f'aktar minn zewg pagamenti akkont tal-prezz tal-istess karozza ghal aktar minn hmistax il-gurnata minn notifika tal-ittra ufficjali msemmija fl-avviz u annessa bhala "Dok B" skond l-ittra ufficajli l-ohra annessa bhala Dok C. Bl-ispejjes inkuzi dawk tal-ittri ufficjali tal-5 ta' Ottubru 2001 u tad-29 ta' Ottubru 2001 u tal-mandat ta' qbid tas-7 ta' Dicembru 2001 kif ukoll b'riserva ghal kull dritt u azzjoni mal-kambjaljiet skaduti qabel it-terminazzjoni u mhux imhallsin.

Alan Calleja
Deputat Registratur